# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015**

**Numru**

**Rikors Numru 1210/03 JZM**

**Pawla Camilleri u b'digriet datat 24 ta' Ottubru 2008**
**l-atti gew trasfuzi f'isem huha Giuseppi Camilleri**

**v.**

**Gino u Michelle konjugi Vella**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell intavolat mill-konvenuta Michelle Vella minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Novembru 2011, fejn l-istess Qorti filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet ta' Gino Vella u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju, cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Michelle Vella u laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tal-

konvenuta Vella, u konsegwentement ikkundannatha sabiex, fi zmien xahar, trodd lura lill-attur Guzeppi Camilleri s-somma ta' tnax-il elf, disa` mija sitta u disghin Euro u tmintax-il centezmu (€12,996.18) bl-imghax legali b'effett mid-data tas-sentenza, kif ukoll l-oggetti prezzjuzi u deheb konsistenti minn brazzuletta tad-deheb mitluqa maghmula cangatura, curkett tad-deheb bil-fjuri u weraq, curkett tad-deheb tal-gemmew, par imsielet tal-buttun u par imsielet forma ta' werqa.

2. Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza permezz ta' rikors tal-appell prezentat fl-1 Dicembru 2011, filwaqt li Giuseppi Camilleri, hu l-attrici Paola Camilleri, li f'ismu gew trasfuzi l-atti b'digriet tal-24 ta' Ottubru 2008, ipprezenta risposta tal-appell fl-20 ta' Dicembru 2011.

Il-Fatti

3. Il-fatti rilevanti ghall-appell odjern huma s-segwenti.

4. Jirrizulta pacifiku li l-konvenuta kienet tghin lil zijitha l-attrici fit-tmexxija tal-affarijiet taghha, peress li din kienet mara anzjana tghix wahedha.

5. L-attrici, li giet nieqsa fil-mori tal-kawza, tallega li l-konvenuti, approprijaw ruhhom minn flus u oggetti appartenenti lilha.

6. Fil-mori tal-kawza u precizament fit-13 ta’ Frar 2003 il-konvenuta, tramite l-Kappillan Joseph Camilleri, raddet lura flus kontanti, dokumenti u oggetti ta' valur li hi kellha fil-pussess taghha. Inoltre, fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha l-konvenuta tghid li hi ddepozitat fir-Registru tal-Qorti somma rapprezentanti s-somma ta’ flus trasferita mill-kont tal-attrici ghal go dak tal-konvenuta

Is-Sentenza Appellata

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “L-attrici Pawla Camilleri, anzjana ta` 83 sena, istitwiet din il-kawza kontra n-neputija taghha l-konvenuta Michelle Vella u kontra z-zewgha l-konvenut Gino Vella fejn allegat illi dawn it-tnejn kienu approprijaw ruhhom minn flus u oggetti propjeta` taghha, u ghalhekk talbet ir-radd lura tal-istess. L-attrici mietet fil-mori tal-kawza u l-atti taghha kienu trasfuzi f`isem Joseph Camilleri, li jigi huha u l-eredi taghha.
>
> “Fl-affidavit taghha, Pawla Camilleri tixhed illi kienet mara semplici, kienet tahdem bhala fattiga, ma kellhiex kapricci u kienet tfaddal mill-flus li taqla`. Ghal xi zmien, kienet marret tghix ma` ohtha li tigi omm il-konvenuta u tat ic-cavetta tad-dar taghha lill-konvenuta. L-attrici tghid li kienet saret taf li l-konvenuta, bil-mohbi taghha u allura minghajr il-permess taghha, qatghet kopja tac-cavetta tad-dar taghha. L-attrici tghid illi kellha tmur ghall-kura fl-Isptar Zammit Clapp, u wara marret tghix ghal xi zmien go dar ta` l-anzjani. Talbet lin-neputija taghha Monica Mifsud sabiex tivverifika jekk fid-dar ta` l-attrici kienx hemm dak elenkat fil-lista a fol 52 tal-process. Skont l-attrici, Monica Mifsud qaltilha illi meta marret id-dar ma setghetx tidhol gol-kcina ghax kienet imsakkra.
>
> “L-attrici tixhed illi s-suspett taghha waqa` fuq il-konvenuta u ghalhekk kellmitha wicc imb`wicc. Il-konvenut qalet lill-attrici li l-affarijiet tal-attrici kienu `*qeghdin fis-sejf tieghi biex ma jmisshomlok hadd*` (ara fol. 53). Michelle Vella insistiet mal-attrici li tibqa` zzomm kollox hi

waqt li l-attrici riedet li l-konvenuta taghtiha kollox lura.

"L-attrici tghid illi darba l-konvenuta haditha l-Bank of Valletta dwar kwistjoni ta` beneficcji tal-mard li l-attrici kienet tithallas regolarment tiehu izda li ma baqghux jithallsu ghaliex kellha flus fil-bank. L-attrici tixhed illi hija dawwret il-flus li kellha l-bank ghal fuq isem il-konvenuta. Hija tghid illi l-Manager kien qalilha li ghalkemm dawk il-flus kienu ser jibqghu taghha, hija kellha taghmel ta` bir-ruhha li kellha taghti l-flus lil Michelle.

"L-attrici tixhed ukoll dwar Lm405 li skont l-attrici kienu flus derivanti minn beneficcji tal-mard taghha. L-attrici tghid li l-konvenuta kienet hadet dawn il-flus lil attrici meta kienet l-isptar pero` gara li minflok tathomlha fil-fatt hadet il-flus lura maghha (ara fol. 54).

"Min-naha taghha, il-konvenuta tixhed illi hija kienet ilha tiehu hsieb lil zijitha Pawla Camilleri ghal dawn l-ahhar tmintax-il-sena u kienet tmur ghandha diversi drabi kuljum sabiex taghmlilha l-qadi li kien ikollha bzonn. Il-verzjoni tal-konvenuta ma taqbilx ma` dik tal-attrici dwar il-kwistjoni tal-flus li l-attrici tghid li dawwret minn fuq isimha ghal fuq isem il-konvenuta. Skont l-attrici, fil-kont kien hemm aktar minn Lm4,000. Il-konvenuta tixhed illi l-attrici riedet lill-konvenuta sabiex tehodha l-bank halli tittrasferixxi flus fuq isem il-konvenuta ghaliex kienet qeghda ddur biha. Aktar tard fix-xhieda taghha il-konvenuta imbaghad tghid illi l-attrici kienet ittrasferiet il-flus fuq isimha ghaliex l-attrici kien qieghed ikollha problemi mad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali dwar il-hlas ta` l-beneficcji tal-mard.

"**Ikkunsidrat:**

"Meta gudikant jigi biex iqis il-kumpless tal-provi li jitressqu ghall-konsiderazzjoni tieghu sabiex fuq **dawk** il-provi jaghti decizjoni, il-kriterju rilevanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, *izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja* (**"Borg vs Bartolo"** – Appell Inferjuri – 25 ta` Gunju 1980). Hekk meqjusa dawk il-provi, il-grad rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel **certezza morali** fil-mohh tal-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta` provi fuq bilanc ta` probabilitajiet (**"Caruana vs Laurenti"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; **"Borg vs Manager ta` l- Intrapriza tal-Halib"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; **"Vassallo vs Pace"** – Vol.LXX.II.144 u **"Zammit vs Petrococchino"** – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952).

"Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tirrimarka li ssibha difficli taghti affidament ghal dak li tistqarr il-konvenuta abbazi ta` r-riskontru ta` fatti oggettivi li jikkontrastaw ma` dak li tallega hi. Il-Qorti taghmel referenza ghal dik il-parti mix-xhieda tal-konvenuta fejn tisforza sabiex taghti l-impressjoni li bejn l-attrici u huha Joseph Camilleri ma kienx hemm relazzjoni tajba. Il-konvenuta tghid `*niftakar li wara li kienet ghamlet l-*

*operazzjoni, lil Joseph Camilleri kienet wissietu biex ma jidholx fid-dar taghha`* (ara fol. 134). Din il-Qorti tghid li dan mhuwiex attendibbli peress illi fit-testment taghha tat-8 ta` Jannar 2004, (ara fol. 121) l-attrici istitwiet lil istess Joseph Camilleri bhala `*eredi universali u proprjetarju assolut ta` dak kollu li tkun tippossjedi fil-gurnata ta` mewtha`*.

"Cirkostanza ohra li ccajpar l-veracita` tal-versjoni tal-konvenuta hija l-<u>allegata</u> skrittura privata li tghid li saret bejn il-konvenuti u l-attrici u li fiha huwa allegat li l-attrici kienet iddikjarat li kellha xi djun mal-konvenuti. **<u>Ghal xi raguni, li baqghet mhux spjegata, din l-iskrittura, l-ahjar prova ghax miktuba, ma tressqitx bhala prova</u>**. Dwar din ic-cirkostanza, xehdu kemm l-attrici, kemm in-Nutar Lino Martinelli u anke George Cremona.

"Dan tal-ahhar u cioe` George Cremona mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali xehed illi fl-istess gurnata li nghalaq il-kont tal-bank –

> "`*gew ipprezentati zewg affidavits jew skritturi privati. Wahda minnhom tal-20 ta` Ottubru tan-1997 fejn is-Sinjura Pawla Camilleri kienet isselfet xi flus minghand George u Michelina Vella u fid-19 ta` Awissu 2002 irritornathom lura f`din l-iskrittura privata l-ohra. U ahna konna rgajna hrigna l-beneficcju minghajr problemi`* (ara fol 132C).

"L-attrici tichad li qatt iffirmat xi karta quddiem in-Nutar Martinelli u tikkontesta l-awtenticita` ta` l-iskritturi privati. Hija ssostni –

> "`*jien qatt ma kelli dejn ma hadd u dan ghax ma kellix bzonn`* (ara fol. 55).

"Hija tghid illi –

> "`*l-Manager kien insista li qatt ma iffirmajt prokura imma transaction paper biex il-flus jinqalbu f`isimha jigifieri f`isem Michelle qisu jien m`ghandi xejn`* (ara fol. 53).

Fl-ewwel okkazjoni li xehed, in-Nutar Martinelli qal illi –

> "`*il-konvenuta Mrs Vella nafha. Din kienet giet ghandi. Ghamilt karta privata bejnha u bejn Pawla Camilleri`* (ara fol. 64).

"Fit-tieni okkazjoni li xehed, l-istess Nutar <u>din id-darba</u> qal li –

> "`*karta privata fejn hemm involut Gino Vella fil-pussess tieghi ma sibtx. Neskludi li saret karta bhal din. Naf li xi haga bejniethom saret zgur. Jiena kont mort id-dar tal-konvenuti, jidhirli mort darbtejn u naf li darba minnhom kien hemm persuna ohra. F`dik l-okkazjoni l-konvenuti kienu talbu s-servizz tieghi, niftakar zgur li darba minnhom kont mort ghand is-Sinjuri Vella, pero` zgur li qabel ma mort ghandhom jien kont, kelli nipprepara xi karta. Kien hemm prezenti s-Sinjura Camilleri, mara anzjana, ma nafx jekk id-dikjarazzjoni ktibtiex dak il-hin stess, ma*

> *niftakarx x`kien fiha din id-dikjarazzjoni. <u>Ghand is-Sinjuri Vella mort iktar minn darba. Jiena s-Sinjuri Vella kienu qaluli li riedu li ssir xi karta, il-karta saret fir-residenza tas-Sinjuri Vella`</u>* (ara fol. 73).

"Dwar il-flus fil-bank, il-verzjonijiet ta` l-attrici u tal-konvenuta jikkontrastaw ferm. L-attrici tghid illi kienet il-konvenuta li haditha l-bank sabiex tirrangalha halli tkun tista` tibqa` tiehu l-flus tal-beneficcji tal-mard. Minn naha l-ohra, l-konvenuta tixhed illi kienet l-attrici li rrangat kollox mal-bank u li hi ma kellhiex x`taqsam. Din il-Qorti ssibha ferm difficli temmen il-verzjoni tal-konvenuta, billi t-trasferiment ta` l-flus sar fl-2002 (ara l-ittra mibghuta mill-Bank of Valletta a fol. 140) meta l-attrici kellha l-eta` ta` 82 sena. Inoltre, jidher illi l-attrici kienet analfabeta u kienet taf biss tikteb isimha (ara fol. 53). Joseph Grixti, l-Bank Manager li dak iz-zmien kien hu li ghamel dan it-trasferiment ta` flus xehed illi *`jien kont spjegajt lil Pawla Camilleri xi tfisser it-transfer note cioe` li kienet ser titrasferixxi l-flus mill-kont taghha ghal kont l-iehor`* (ara fol 108). Din il-Qorti ghandha d-dubji fondati taghha kemm tassew l-attrici kienet qeghda tifhem x`kien qieghed isir. Jidher illi l-konvenuta iddepositat dawn il-flus il-Qorti (ara ricevuta tal-Qorti a fol. 146a u 146b).

"**Ikkunsidrat:**

"Mill-provi prodotti jirrizulta wkoll illi l-konvenuta fil-fatt kellha fil-pussess taghha oggetti jew affarijiet li wara li kisritha minn ma` zijitha Pawla Camilleri baghtithomla lura permezz tal-Kappillan Dun Joe Camilleri li illum mejjet. Dan il-fatt huwa korroborat minn diversi xhieda (ara x-xhieda ta` l-istess attrici a fol. 55, ix-xhieda ta` oht il-konvenuta, Josephine Falzon, a fol. 58, ix-xhieda tal-konvenuta stess, a fol. 135).

"Josephine Falzon li tigi oht il-konvenuta xehdet illi –

> "*`f`okkazjoni wahda l-istess Michelle quddiem ommi, ammettiet li qatghet cavetta tad-dar taz-zija Pawla minn rghajja u minghajr permess biex "Meta tmut jiena mmur u ma nhallux jiehdu kollox huma"`* (ara fol. 57).

"Din il-Qorti ma teskludix li l-konvenuta kienet fil-fatt tiehu hsieb ta` xi hwejjeg ta` l-attrici u allura f`dan is-sens l-attrici ghamlet zmien tafda lill-konvenuta. Dan tikkonfermah l-attrici stess fl-affidavit taghha u hemm prova miktuba ta` dan meta kienu prodotti r-ricevuti ta` hlasijiet li saru lid-dar ta` l-anzjani (ara fol. 137 et seq).

"Permezz ta` nota a fol 48, l-attriciipprezentat lista ta` li skont hi l-konvenuta kienet haditilha minn god-dar. L-attrici ndikat ukoll il-valur ta` kull oggett. Il-konvenuta xehdet illi hija ma kenitx taf x`deheb kellha z-zija taghha. Din il-Qorti ssibha difficli taccetta dan bhala versosimili jekk tassew kif xehdet il-konvenuta stess kienet ilha snin twal tiehu hsieb lil attrici. Mistoqsija jekk kenitx taf x`deheb kienet

thobb tilbes l-attrici, l-konvenuta rrispondiet (ara fol. 186) –

"*`le, lili kienet tghidli m`ghandi xejn, voldieri ma riditx turi lil hadd`*

"Fil-kontro-ezami, il-konvenuta tichad illi l-oggetti tal-lista kienu fil-fatt ghandha (ara fol. 189 et seq)

"**Ikkunsidrat :**

"Din il-Qorti tghid li ghas-soluzzjoni ta` vertenza ghandhom rwol rizoluttiv il-kredibilita` u l-attendibilita` tax-xhieda specjalment meta l-provi jkunu kontrastanti. U kriterju determinanti ghall-fini ta` kredibilita` hija l-konsistenza.

"Iddur kemm iddur, il-versjoni tal-konvenuta Michelle Vella kienet karenti kemm f`dik li hija konsistenza kif ukoll f`dik li hija attendibilita`.

"Sahansitra dwar in-naqra deheb li kellha l-attrici, il-konvenuta ma kenitx affidabbli.

"Il-konvenuta tasal biex tafferma illi qatt ma kienet taf x`deheb kellha l-attrici (ara l-kontro-ezami taghha a fol. 189 et seq) izda taccetta illi kellha fil-pussess taghha flus u deheb u illi hija rritornathom permezz tal-Kappillan Joe Camilleri. Dan il-fatt huwa korroborat minn Josephine Falzon, oht il-konvenuta, illi fl-affidavit taghha nizlet il-lista ta` affarijiet li kienu jinsabu fil-kaxxa kkonsenjata lill-Kappillan. Dan il-fatt mhux semplici dettall izda fatt li jinfluwixxi fuq kemm din il-Qorti ghandha taghti affidament lill-konvenuta. Din il-Qorti tirrileva fatti ohrajn fejn mhijiex konvinta mill-verzjoni tal-konvenuta fosthom meta tixhed illi hija ma kenitx taf x`kellha f`mohhha li taghmel l-attrici meta marru flimkien il-Bank of Valletta sabiex jinghalaq il-kont ta` l-attrici u flusha jinqalbu fl-akkont tal-konvenuta. Daqstant iehor mhijiex konvinta din il-Qorti illi kienet l-attrici stess li fasslet il-pjan kollu, inkluz l-iskritturi privati li qatt ma gew prodotti matul din il-kawza, li fuqhom l-attrici regghet bdiet tiehu l-beneficcji tal-mard. Din il-Qorti ma temminx li l-attrici kenitx fil-posizzjoni li teskogita dak li imputatilha l-konvenuta.

"**Din il-Qorti hija sodisfatta li fl-assjem, naqriet ta` sustanza `l hawn u `l hemm inkluzi, saret il-prova fuq bilanc ta` probabilitajiet tat-talbiet attrici skont il-kawzali, kontra dak li eccepiet il-konvenuta Michelle Vella (fol 20 et seq).**

"Daqstant iehor din il-Qorti tghid, anke wara li qieset l-eccezzjonijiet tal-konvenut Gino Vella (ara fol 16 et seq) u l-provi fil-kumpless taghhom, li fil-konfront tal-istess Gino Vella ma saritx il-prova sal-grad rikjest mil-ligi li huwa kien involut fit-tehid tal-flus jew tal-oggetti tal-attrici. F`dan il-kuntest din il-Qorti tirreferi in partikolari ghax-xiehda ta` l-attur Joseph Camilleri (fol 26), ta` Monica Mifsud (fol 31) u ta` Jimmy Baldacchino (fol 36) *Percio`* m`ghandux jaghmel tajjeb hu

personalment bi hwejgu ghar-radd lura tal-istess favur l-attur prezenti u cioe` Joseph Camilleri.

"Dan accertat, din il-Qorti li abbazi tad-dettalji tal-flus u tal-oggetti prezzjuzi, inkluz id-deheb, kif jirrizultaw mid-dokument esebit a fol 48 tal-process, li ghalihom saret riferenza mill-attrici Pawla Camilleri fix-xiehda taghha, u eskluzi dawk il-flus u dak id-deheb li Pawla Camilleri kienet irceviet tramite l-Kappillan Dun Joseph Camilleri, din il-Qorti tghid li l-attur Joseph Camilleri ghad ghandu jedd jiehu lura minghand il-konvenuta Michelle Vella –

"I) **Flus** fl-ammont ta` **€12,996.18** ekwivalenti ghal Lm5579.26c. Din il-figura tinkludi kwalsiasi ammont li l-konvenuta ddepozitat taht l-awtorita` tal-Qorti.

"II) **L-oggetti prezzjuzi u deheb** li gej –

"Brazzuletta tad-deheb mitluqa maghmula cangatura.
"Curkett tad-deheb bil-fjuri u weraq
"Curkett tad-deheb tal-gemmew
"Par imsielet tal-buttun
"Par imsielet forma ta` werqa."

L-Appell

8. Il-konvenuta qed tibbaza l-appell taghha fuq erba' aggravji li tlieta minnhom huma konnessi. Dawn huma: li fuq il-fatti akkwiziti l-ewwel Qorti ma kellhiex tasal ghall-konkluzjoni li taghti affidament lill-verzjoni tal-attrici u tiskarta dik tal-konvenuta; li l-ewwel Qorti ma kellhiex tasal ghal konkluzjoni li l-konvenuta approprijat ruhha minn numru ta' oggetti prezzjuzi, deheb u flus appartenenti lill-attrici, meta ma tressqet ebda prova dwar l-ezistenza taghhom; li l-konvenuta ma kellhiex tigi ordnata thallas imghax fuq l-ammont li kien gie depozitat fil-Qorti fil-mori tal-kawza.

9. Ghaldaqstant il-konvenuta qed titlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokha f'dik il-parti fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u laqghet it-talbiet attrici fil-konfront taghha u konsegwentement ikkundannatha sabiex fi zmien xahar trodd lill-attur is-somma ta' €12,996.18 bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza kif ukoll trodd l-oggetti indikati fl-istess sentenza; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur Giuseppe Camilleri.

10. Flimkien mal-imsemmi rikors, il-konvenuta pprezentat ukoll is-segwenti dokumenti: Dok X1 – kopja tat-testment ta' Paola Camilleri; Dok X2 – kopja tal-iskrittura privata bejn Paola Camilleri, Michelina Vella u George Vella datata 20 ta' Ottubru 1997; Dok X3 – kopja tal-iskrittura privata bejn Paola Camilleri, Michelina Vella u George Vella datata 19 ta' Awwissu 2002; Dok X4 – skrittura bl-elenku tal-oggetti, dokumenti u flus ritornati lil Paola Camilleri minn Michelle Vella fil-prezenza tal-Kappillan Fr Joe Camilleri.

11. Minn naha tieghu l-attur jrribatti billi jghid li l-ewwel Qorti ghamlet analizi dettaljata tal-fatti tal-kaz kif ukoll tal-principji legali relattivi u ghalhekk l-appell ghandu jitqies bhala wiehed "ghal kollox spekulattiv u intiz biex jnaqqas l-obbligi min-naha tal-konvenuti". Jissottometti li matul dawn il-proceduri kollha, l-atturi dejjem baqghu konsistenti fil-posizzjoni taghhom; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-l-konvenuta.

L-Aggravji

*L-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravji*

12. Dawn l-aggravji jirrigwardjaw l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-ewwel Qorti u ghalhekk ser jigu trattati flimkien.

13. Fl-ewwel aggravju, il-konvenuta tilmenta li, ghalkemm l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li, mill-assjem tal-provi, *"naqriet ta' sustanza 'l hawn u 'l hemm inkluzi, saret il-prova fuq bilanc ta' probabbiltajiet tat-talbiet attrici skont il-kawzali kontra dak eccepit mill-konvenuta",* dan ma jirrizultax provat lanqas fuq bilanc ta' probabbiltajiet. Il-konvenuta tghid li, stante li l-kawzali tal-azzjoni kienet tistrieh fuq zewg binarji kumulattivi u cioe` l-approprijazzjoni indebita u l-ingann ezercitat mill-konvenuti, skont il-gurisprudenza nostrana il-qerq u l-ingann ma huma qatt prezunti imma ghandhom jigu ppruvat minn min jallegahom. Tkompli tghid li biex jigi stabbilit u ppruvat il-qerq trid issir il-prova li l-parti l-ohra "uzat *scienter* raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi".

14. Il-konvenuta tikkwota kazistika fis-sens li f'kazijiet bhal dawn ghandha tigi ppruvata l-ezistenza tal-element specifiku kostitwit mill-

ingann uzat kif ukoll li l-ingann kien l-kawza determinanti li ta lok ghall-ghotja tal-kunsens; ukoll li l-oneru tal-prova tad-dolo jew tal-frodi jirrisjedi fuq minn min jallegah.

15. Tkompli tghid illi l-ewwel Qorti mkien ma ssemmi li l-konvenuta kkommettiet ingann ghad-detriment tal-attrici jew li l-principji kardinali minnha esposti gew b'xi mod sodisfatti mill-atturi. Tghid li, filwaqt li hu koncess li l-gudikant ghandu "jiddeciedi abbazi tac-certezza morali, il-punt tat-tluq ghandu dejjem ikun il-punt ta' dritt li l-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa` assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel prova negattiva u l-Qorti, qabel xejn, ghandha tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-pretensjoni tieghu. Tghid li abbazi tal-Artiklu 562 tal-Kap. 12, fil-kaz li din il-prova ma tkunx adegwata jew f'kaz ta' dubju, l-allegata xjenza ghandha tkun rigettata". Tenfasizza li l-attrici ma rnexxilhiex tissodisfa dan l-oneru tal-prova u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

15. Fis-sustanza l-aggravju huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi, u li fl-atti ma rrizultawx provi bizzejjed li fuqhom l-ewwel Qorti setghet tasal sabiex tilqa` t-talbiet attrici.

16. In tema legali huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet rigwardanti l-materja tal-prova.

17. Fl-ewwel lok jigi ribadit li l-Qorti tal-Appell bhala qorti ta' rivizjoni ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim' istanza, hlief meta tkun manifestament zbaljata jew ghax ikun hemm ragunijiet serji jew ghax l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha **App. C. Emanuel Cardona et v. Dr.Graham Busuttil**, deciz 10 Jannar 1995.

18. Dan ma jsirx "sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed li jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja tal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta". App.S. **Paul Formosa v. Salvu Debono**, deciz 5 Ottubru 2001; App. **Moviment Azzjoni Socjali v. Noel Borg**, deciz 18 Lulju 2014".

19. Fit-tieni lok, jinsab ritenut li "il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi

lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. **PA Farrugia v. Farrugia**, deciz 24 ta' Novembru, 1966.

20. Fit-tielet lok, huwa ritenut fil-gurisprudenza nostrana li "l-grad ta' prova rikjest fil kamp civili, b'differenza mill-kamp kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, hija dik li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc ta' probabilitajiet. Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita` civili". **PA Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo u Gaetana Rizzo**, deciz 28 ta' April, 2004.

21. Ghalhekk minkejja konflitt fil-provi ghandu jsir ezami tal-provi akkwiziti bil-ghan li jigi determinat jekk abbazi tal-verosimiljanza u fuq bilanc ta' probabbilitajiet, ghandhiex tigi accettata bhala veritiera verzjoni ta' parti jew ohra, jew jekk il-konflitt fil-provi huwiex tali li ma jistax iwassal ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.

22. Fil-meritu din il-Qorti tosserva li mhuwiex minnu dak allegat mill-konvenuta li l-ewwel Qorti injorat l-element tal-ingann. Dan jirrizulta mill-konsiderazzjonijiet maghmula fis-sentenza appellata fejn, ghalkemm ma

tissemmhiex il-kelma "ingann" jirrizulta car li l-komportament tal-konvenuta fil-konfront tal-attrici kien wiehed ta' ingann dirett biex il-konvenuta tapproprija ruhha minn flus u oggetti appartenenti lill-attrici. Il-komportament qarrieqi tal-konvenuta gie mfisser hekk mill-ewwel Qorti:

> "L-attrici tghid illi kienet il-konvenuta li haditha l-bank sabiex tirrangalha halli tkun tista` tibqa` tiehu l-flus tal-beneficcji tal-mard. Minn naha l-ohra, l-konvenuta tixhed illi kienet l-attrici li rrangat kollox mal-bank u li hi ma kellhiex x`taqsam. Din il-Qorti ssibha ferm difficli temmen il-verzjoni tal-konvenuta, billi t-trasferiment tal-flus sar fl-2002 (ara l-ittra mibghuta mill-Bank of Valletta a fol. 140) meta l-attrici kellha l-eta` ta` 82 sena. Inoltre, jidher illi l-attrici kienet analfabeta u kienet taf biss tikteb isimha (ara fol. 53). Joseph Grixti, il-Bank Manager li dak iz-zmien kien hu li ghamel dan it-trasferiment ta` flus xehed illi `jien kont spjegajt lil Paola Camilleri xi tfisser it-transfer note cioe` li kienet ser titrasferixxi l-flus mill-kont taghha ghal kont l-iehor` (ara fol. 108). Din il-Qorti ghandha d-dubji fondati taghha kemm tassew l-attrici kienet qeghda tifhem x`kien qieghed isir.'
>
> …………………………omissis …………………………
>
> "Din il-Qorti tirrileva fatti ohrajn fejn mhijiex konvinta mill-verzjoni tal-konvenuta fosthom meta tixhed illi <u>hija ma kenitx taf x`kellha f`mohhha li taghmel l-attrici meta marru flimkien il-Bank of Valletta</u>[1] sabiex jinghalaq il-kont tal-attrici u flusha jinqalbu fl-akkont tal-konvenuta. Daqstant iehor mhijiex konvinta din il-Qorti illi kienet l-attrici stess li fasslet il-pjan kollu, inkluz l-iskritturi privati li qatt ma gew prodotti matul din il-kawza, li fuqhom l-attrici regghet bdiet tiehu l-beneficcji tal-mard. Din il-Qorti ma temminx li l-attrici kinitx fil-posizzjoni li teskogita dak li imputatilha l-konvenuta.'

23. Mill-premess, hu evidenti illi l-ewwel Qorti qieset l-ingann bhala l-fattur determinanti li ivvizja l-kunsens tal-attrici u abbuzat l-fiducja li din kellha fin-neputija taghha meta pperswadiet lill-attrici sabiex titrasferixxi

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti

l-flus li din kellha fil-bank ghal fuq kont intestat lill-konvenuta u, ghalkemm il-pretest ghat-trasferiment tal-flus kien wiehed validu ghall-attrici u cioe` sabiex din tkun tista' tibqa' tiehu l-beneficju socjali, l-attrici ma kellha ebda intenzjoni li dawk il-flus taghtihom lill-konvenuta. Huwa abbazi ta' dawn il-fatturi kollha, kif ukoll tenut kont tan-nuqqas ta' kredibilita` u l-inkonsistenza ta' xhieda tal-konvenuta (fattur li se jigi ikkonsidrat iktar 'l quddiem fit-tieni aggravju) wassal lill-ewwel Qorti, anke wara li semghet ix-xhieda viva voce, sabiex ragonevolment tiddeciedi kienet "*saret il-prova fuq bilanc ta` probabilitajiet tat-talbiet attrici skont il-kawzali, kontra dak li eccepiet il-konvenuta Michelle Vella"*.

24. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

25. Fit-tieni aggravju l-konvenuta tilmenta minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti skartat l-verzjoni taghha peress li kienet tal-fehma li dik il-verzjoni ma kienetx attendibbli. Il-konvenuta mbaghad tghaddi biex telenka dawk ic-cirkostanzi li skont l-ewwel Qorti jcajpru l-veracita` tal-verzjoni attrici f'dan ir-rigward.

26. L-ewwel cirkostanza tirrigwardja l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li l-konvenuta tisforza sabiex taghti l-impressjoni li bejn l-attrici u huha l-appellat, ma kienx hemm relazzjoni tajba, mentri fil-fatt

irrizulta l-kuntrarju u cioe` li kien hemm relazzjoni tajba tant li l-attrici kienet istitwiet lill-istess Giuseppe Camilleri bhala eredi universali taghha. Il-konvenuta tghid li dan huwa wisq semplicistiku sabiex tiskarta l-allegazzjoni taghha li l-appellat ma kellux relazzjoni tajba mal-attrici Paola Camilleri qabel [enfasi tal-konvenuta] ma beda jxewwex lill-attrici kontra taghha sabiex finalment wiritha.

27. In sostenn tat-tezi taghha l-konvenuta ipprezentat mar-rikors tal-appell[2] kopja ta' testment datat 2 ta' Dicembru 1997 li l-attrici kienet ghamlet qabel dak tat-8 ta' Jannar 2004 fejn allura l-istess attrici kienet halliet lit-tlett ahwa taghha, fosthom omm l-istess konvenuta u lil appellat huha bhala eredi universali taghha. Skont il-konvenuta, dan ikompli jikkonferma li l-appellat ma kellux relazzjoni tajba mal-attrici, sakemm inqalbet il-folja u l-istess appellat dawwar lill-attrici – ottegenerja suxxettibli ghal forzi esterni – kontra l-konvenuta.

28. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li dan il-punt trattat mill-ewwel Qorti huwa relevanti biss ghall-finijiet tal-konsiderazzjoni dwar l-affidabbilita` o meno tal-verzjoni tal-konvenuta u ma jimpingix fuq il-meritu tal-kaz.

29. Dwar l-ewwel testment din il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

[2] Dok.X1

30. Fl-ewwel lok, ghalkemm l-Artikolu 145 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili jippermetti l-prezentata ta' dokumenti flimkien mar-rikors tal-appell, gurisprudenza ricenti fasslet is-segwenti principji:

> "……. il-Qorti tirribadixxi dak li osservat fil-kawza ***Emanuel Zammit v. Charles Polidano***, deciza fil-31 ta' Jannar 2014, li "filwaqt li huwa minnu li parti appellanti tista' tressaq dokumenti mal-appell taghha, dawn id-dokumenti m'ghandhomx ikunu provi godda li setghu facilment gew prodotti fl-ewwel istanza, ghax kif qalet din il-Qorti fil-kawza *Schembri v. Schembri* deciza 22 ta' Frar 2013: 'il-funzjoni ta' din il-Qorti hija wahda ta' revizjoni, intiza sabiex tirrevedi dak li jkun sar quddiem l-ewwel Qorti, u mhux li tisma' provi godda li setghu gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti'. Il-provi kollha jridu jingiebu quddiem l-ewwel Qorti, u jekk parti tonqos li taghmel dan, ma tistax, wara s-sentenza, tipprova tressaq provi godda biex twaqqa' l-argumenti li l-ewwel Qorti, fuq il-provi prodotti, uzat biex waslet ghall-konkluzjoni taghha". [ara wkoll digriet moghti fit-28 ta' April 2014 fil-kawza fl-ismijiet *[App. 418/2005]* ***Olive Gardens Investments Limited vs Salvu Farrugia et****; u App.S 65/77* ***Salvina Fenech et vs Emanuela Mifsud****, 27 ta' Frar 2015]*.

31. Din il-Qorti tosserva li, ghal kuntrarju ta' dak sostnut mill-konvenuta li qabel it-tieni testment ir-relazzjonijet bejn l-attrici u huha l-attur ma kienux tajbin, l-ewwel testment juri bic-car li dan ma kienx minnu, tant li f'dan it-testment l-attur kien wiehed mill-werrieta fi kwoti indaqs ma' hutu.

32. Ghaldaqstant din il-konsiderazzjoni tal-konvenuta hija insostenibbli.

33. It-tieni cirkostanza li skont il-konvenuta issostni l-verzjoni taghha huma l-iskritturi privati, wahda ta' mutwu datata 20 ta' Ottubru 1997[3] u l-ohra tar-ripagament tal-ammont misluf datat 19 ta' Awwissu 2002[4] li kienu saru bejn il-konvenuta u l-attrici. L-Ewwel Qorti titfa` dubju fuq l-ezistenza taghhom stante li ma tressqux bhala prova dokumentali. Tghid li, ghalkemm waqt l-ewwel istanza hija ghamlet hilitha biex totjeni kopja tieghu, kien biss wara li kienet inghatat is-sentenza appellata li rnexxielha tottjeni kopja taghhom u huwa ghalhekk li ipprezentahom mar-rikors tal-appell taghha u mhux qabel.

34. Li pero` jirrizulta car u manifest mill-provi hu li dawn l-iskritturi kienu simulati u kienu, almenu minn naha tal-attrici, intizi sabiex jigi defrodat l-erarju pubbliku billi din tibqa` tircievi l-beneficcju tal-mard filwaqt li minn naha tal-konvenuta kienu mezz sabiex din takkwista flus appartenenti lill-attrici u titfaghhom fil-kont intestat fuq isimha cioe` il-konvenuta. Tant dan hu minnu li l-konvenuta qatt ma tghid li kellha tiehu xi flus minghand zijitha, u qatt ma gabet l-icken prova ta' xi dejn li kellha zitha maghha f'dak l-ammont.

35. Mhux hekk biss, talli dwar it-trasferiment tal-flus mill-kont tal-bank tal-attrici ghal fuq taghha, l-istess konvenuta taghti verzjonijiet kontrastanti [trattati aktar 'l isfel], li juri li ma hemm xejn veru u reali fl-

[3] Dok.X2
[4] Dok,.X3

imsemmija skritturi.

36. Il-konvenuta ssostni illi wiehed ma jistax jemmen lill-attrici meta din tghid li lin-Nutar Martinelli ma tafux u li qatt ma ratu. Din il-Qorti tishaq illi l-fatt li l-attrici ma rrikonoxxietx lin-Nutar Martinelli u ma ftakritx l-iskritturi li kienu saru bejnha u bejn il-konvenuta, jkompli jitfa` dell fuq l-istat percettiv, dovut ghall-eta` ottogenarja, tal-attrici llum defunta, u jikkorrobora l-fatt illi kienet propju l-konvenuta li eskogitat il-pjan kollu tal-iskritturi privati sabiex il-flus fil-kont tal-attrici jghaddu ghal fuqha. In-Nutar Martinelli stess fix-xhieda tieghu jghid li kienu propju l-konvenuti li kkjamawh id-dar taghhom sabiex jaghmlihom xi karta u li kien mar ghandhom aktar minn darba. Dan ikompli jsahhah it-tezi li kienet proprju l-konvenuta li organizzat dan il-pjan li jsiru l-iskritturi sabiex finalment takkwista flus li kienu appartenenti lill-attrici.

37. Cirkostanza ohra li ssemmi l-konvenuta bhala wahda minn dawk indikati mill-ewwel Qorti li jcajpru l-verzjoni taghha tirrigwarda l-ghan li ghalih kien sar it-trasferiment tal-flus. Il-konvenuta tghid li hi qatt ma ppretendiet li dawn il-flus kienu taghha izda baqghu tal-attrici u li dak li sar kien sar biss sabiex din ma titlifx il-beneficju socjali. Il-konvenuta tghid li l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti u cioe` li l-attrici ma kinitx taf x'qed jigri waqt it-trasferiment tal-flus ma hijiex sorretta mill-provi.

38. Din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti ghamlet bosta konsiderazzjonijiet qabel ma waslet ghal konkluzjoni li t-trasferiment sar b'ingann da parti tal-konvenuta. Fost ohrajn[5] l-ewwel Qorti tirreferi ghal dak li xhedet il-konvenuta li l-attrici kienet ittrasferitilha l-flus in kwistjoni ghaliex kienet iddur biha[i6], mentri iktar tard fix-xhieda taghha tghid illi dan ghamlitu ghaliex kien qed ikollha problemi mad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali. Fid-dawl ta' din l-inkonsistenza fix-xhieda tal-konvenuta mhu sorprendenti xejn li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li ma kien minnu xejn li l-konventa qatt ma pprendiet li l-flus trasferiti kienu taghha. Dan jassumi aktar qawwa fid-dawl tal-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti li mhux verosimili li, jekk hu minnu li l-konvenuta kienet daret bl-attrici kostantament u ghal tul taz-zmien, il-konvenuta ma kinitx tippretendi li ma tigix remunerata ghas-servigi prestati minnha.

39. Inoltre, dwar it-trasferiment tal-flus, l-ewwel Qorti wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha[7] waslet ghall-konkluzjoni li l-attrici setghet ma kinitx qed tifhem x'kien qed isir, proprju abbazi tal-fatt li hi kienet mara ta' 82 sena u illitterata, u ghalhekk difficilment jigi emmnut li din kienet fi stat mentali li kapaci tahseb u torganizza pjan bhal dak sabiex isir it-trasferiment u tibqa` tiehu l-beneficcju socjali, wisq inqas twettqu!

[5] Pga.7 tas-sentenza
[6] Fol.186 u 187
[7] Pga.9 tas-sentenza

L-ewwel Qorti tikkwota lil Joseph Grixti, il-*manager* tal-bank li dak iz-zmien kien ha hsieb tali trasferiment, u li xehed li hu kien spjega lill-attrici s-sinifikat tat-*transfer note* li permezz taghha kienet qed titrasferixxi l-flus mill-kont taghha ghal kont ta' haddiehor. Din il-Qorti tosserva li l-fatt li l-*manager* tal-bank kellu jispjega lill-attrici dak li kien qed isir jimmilita kontra t-tezi tal-konvenuta li kienet l-attrici li fasslet il-pjan tat-trasferiment ghax kieku kien minnu li l-attrici organizzat kollox zgur ma kienx ikollu jigi spjegat lilha dak li kien ser isir.

40. Cirkostanza ohra li ddghajjef l-affidabbilita` tal-konvenuta tirrigwardja l-oggetti tad-deheb tal-attrici. Il-konvenuta tghid li hi ma tifhimx x'rat stramb l-ewwel Qorti f'dik il-parti tax-xhieda taghha fejn qalet li hi ma kinitx taf x'deheb kellha zijitha. Izda l-ewwel Qorti tat ir-ragunijiet taghha ghaliex dan qisitu bhala stramb. Fis-sentenza taghha[8] taghha l-ewwel Qorti fost affarijiet ohra osservat li, tenut kont li l-konvenuta stess tghid li din kienet ilha bosta snin tiehu hsieb lil zijitha, ssibha difficli taccetta li l-konvenuta ma kinitx taf x'oggetti kellha. Iktar 'l isfel tishaq ukoll illi sahansitra dwar in-naqra deheb li kellha l-attrici, l-konvenuta ma kinitx konsistenti u dan ghaliex, filwaqt li fil-kontro-ezami tafferma li ma kinitx taf x'deheb kellha l-attrici, fin-nota tal-eccezzjonijeit taghha tghid bil-gurament li kellha fil-pussess taghha flus u numru ta' oggetti tad-deheb appartenenti lil zijitha li mbaghad irritornathom mal-

[8] Pga.10

Kappillan Joseph Camilleri. L-ewwel Qorti tosserva li dan ma huwiex semplici dettall izda fatt li jinfluwixxi fuq kemm din il-Qorti ghandha taghti affidament lill-konvenuta.

41. Konsiderazzjoni ohra li ghandha certu relevanza ghall-finijet tal-kredibilita` huwa l-fatt li l-konvenuta xehedet *viva voce* quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk dik il-Qorti kellha wkoll il-beneficju tal-iskrutinju ta' din ix-xhud.

42. Dan kollu wassal lill-ewwel Qorti sabiex ragonevolment tikkonkludi li ma tistax taghti affidament ghal dak li tistqarr il-konvenuta.

43. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

44. Dwar <u>it-tielet aggravju</u> l-konvenuta tghid li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni mhux biss li l-oggetti tad-deheb in kwistjoni kienu effettivament fid-dar tal-attrici, izda wkoll li l-konvenuta hadithom, u dan minghajr ma tressqet ebda prova dwar l-esistenza taghhom. Tghid li l-esistenza taghhom baqghet biss allegazzjoni matul il-proceduri ghaliex wiehed jista` jsemmi li jrid f'lista izda kienet mehtiega prova tal-ezistenza taghhom.

45. Inoltre tghid li anke f'kaz li dawn l-oggetti u flus kienu jezistu, minn

mkien ma rrizulta b'mod konkret li l-konvenuta approprijat ruhha minnhom. Dak li rrizulta kien li l-attrici stess tibbaza fuq semplici 'suspett' li waqa` fuq l-konvenuta. Tghid ukoll li l-access ghad-dar tal-attrici kien miftuh mhux biss ghaliha izda wkoll ghal bosta membri ohra tal-familja, fosthom anke l-attur. Tkompli tghid li x-xhieda attrici hija kontrastanti ghax filwaqt li l-attrici tghid li kien hemm Lm1,700 fil-gwardarobba, l-attur jixhed li, skont ma qaltlu l-istess attrici, kien hemm “mitejn fil-gwardarobba.” Tghid li dan ma jistax iwassal ghall-konvinciment morali u, nonostante l-grad ta' prova fil-process civili huwa dak tal-probabbli, semplici suspett ma huwiex bizzejjed.

46. Tghid ukoll illi meta hija ghaddiet il-flus u l-oggetti mal-Kappillan, l-attrici accettathom minghajr rizervi u mhux taht protesta. Ghalhekk li kieku kien hemm xi problema kienet tipprotesta dak il-hin u mhux thalli sentejn jghaddu imbaghad tiftah il-kawza.

47. Din il-Qorti ma taqbilx ma tali asserzjonijiet. L-ewwel Qorti waslet sabiex tikkundanna lill-konvenuta tirritorna tali oggetti abbazi tal-provi prodotti, fosthom l-affidavit tal-attrici[9] fil-process, kif ukoll abbazi tar-rendikont dettaljat ipprezentat bil-gurament mill-attrici[10] - provi dawn li ma gewx kontradetti mill-konvenuta bi provi ohra fl-istadju tal-provi quddiem l-ewwel Qorti ghajr ghax-xhieda tal-konvenuta.

---

[9] Fol.51
[10] Fol.48

48. Mhux hekk biss, imma l-Qorti ghazlet bir-reqqa dak li fil-fehema taghha kienet certa li ttiehed mill-konvenuta u dak li kellha d-dubji fuqu skartatu, tant li ma nkludietx, per ezempju l-borma msemmija tal-valur ta' Lm45. Anke dwar il-flus, il-Qorti waslet ghas-somma preciza ta' Lm 5,579.26 gja €12,996.18 illi tirrapprezenta t-total tal-ammonti kollha li dwarhom l-attrici tat spjegazzjoni fl-affidavit taghha[11], u li minnhom ghandu jitnaqqas l-ammont depositat mill-konvenuta taht l-awtorita` tal-Qorti. Mhux hekk biss, talli dwar l-ammont ta' Lm405, il-verzjoni li tat l-attrici u cioe` li l-konvenuta haditomlha minghajr ma hija ndunat tinsab kkorroborata minn huha l-attur. Dan kien prezenti ghal dan il-fatt allegat mill-attrici, u fix-xhieda tieghu jghid li hu stess ra lill-konvenuta tohodhomlha[12].

49. Mill-premess ghandu jirrizulta li l-prova tal-ezistenza ta' dawn l-oggetti saret. Saret permezz tax-xhieda tal-attrici li bil-gurament tat deskrizzjoni cara tal-oggetti tad-deheb, kif ukoll ta' huha l-attur li kkorrobora dak li xehdet l-istess attrici u sahansitra ra b'ghajnejh lill-konvenuta tapproprija ruhha minn somma ta’ flus appartenenti lill-attrici. Inoltre hemm id-depozizzjonijiet ta’ xhieda ohra prodotti mill-attrici li xhedu li semghu lill-konvenuta tikkummenta dwar oggetti u flus

[11] Fol.48
[12] Fol.60

appartenenti lil attrici.[13] Din il-Qorti, filwaqt li tirribadixxi li l-ewwel Qorti kellha l-beneficju li tisma' x-xhieda tal-konvenuta *viva voce* u ta' diversi xhieda ohra, inkluz l-attur li xehedu *viva voce* hi tal-fehema li mill-provi akkwiziti hemm provi sufficjenti li fuqhom l-ewwel Qorti ragjonevolment setghet tasal ghall-konkluzjoni raggjunta minnha u ghalhekk ma' hemmx gustifikazzjoni sabiex tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward.

50. Ghalhekk it-tielet aggravju qieghed ukoll jigi michud.

51. Fir-<u>raba' aggravju</u> taghha Il-konvenuta ssostni li, ladarba hija ddepozitat l-ammont ta' Lm3,978.01 [illum €9,277.27], taht l-awtorita` tal-Qorti fl-istadju inizjali tal-kawza, hi ma kellhiex tigi akkollata imghaxijiet fuq dan l-ammont li seta` gie zbankat mill-attrici fi kwalunkwe mument qabel ma mietet.

52. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva illi ladarba l-konvenuta kienet taf li dak l-ammont minnha detenut ma kienx effettivament taghha, hija setghet, anzi kellha l-obbligu legali, li tirritornah lill-attrici anke jekk minghajr pregudizzju ghal kaz in dizamina. Huwa biss li kieku l-konvenuta ghamlet dak il-pass li allura, wara u fil-kaz li l-flus ma kienux jigu accettati mill-attrici, hija setghet legalment tqajjem b' success l-

13 Vide fost ohrajn affidavit ta' Josephine Falzon a fol 57, Raymond Camilleri a fol 62, Carmelo Camilleri fol 63

ilment li ma kellhiex tehel imghax fuq dak l-ammont mid-data tad-depozitu.

53. Fit-tieni lok din il-Qorti tosserva li ma gietx prezentata kopja tac-cedola u ghalhekk ma saritx il-prova li din kienet redatta b' tali mod li tawtorizza lill-attrici tizbanka l-ammont fi kwalsiasi hin kif qeghdha tallega l-konvenuta fir-rikors tal-appell.

54. Fit-tielet lok, ma jirrizultax li kien hemm offerta ta' rifuzjoni da parti tal-konvenuta, li giet rifjutata mill-attrici, f'liema kaz allura l-konvenuta kienet tkun legalment gustifikata li tiddeposita l-ammont in kwistjoni. Il-gurisprudenza nostrana tghid li sabiex depozitu taht l-awtorita` tal-Qorti jitqies bhala pagamenti skont il-ligi jehtieg li jkunu sodisfatti certu rekwiziti.

> "….. biex depozitu jkun jiswa' daqs il-hlas huwa kompitu tal-konvenut f'din il-kawza li jipprova sodisfacentement li tali depozitu gie maghmul minnu skont il-ligi. Huwa risaput li biex debitur jezimi ruhu mir-responsabbilta` f'kaz li debitur ma jkunx irid jiehu l-hlas, l-istess debitur ghandu jghaddi ghad-depozitu wara li l-hlas jigi validament offrut lill-kreditur." [Qorti tal-Kummerc, ***Richard Caruana vs Silvio Felice*** noe, 3 ta' Jannar 1990].

55. Din il-Qorti tosserva li n-nuqqas fir-rigward ma kienx tal-atturi izda tal-konvenuta li ma rrifondietx is-somma direttament lill-attrici. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida ghaliex il-konvenuta ma ghandhiex tehel l-imghax fuq is-somma kollha likwidata mid-data tas-sentenza. Jigi senjalat li l-principju *in illiquidis non fit mora* mhuwiex ta' applikazzjoni assoluta u ma hux applikabbli fil-kaz fejn id-

determinazzjoni tal-ammont dovut seta' gie facilment determinat mid-debitur, f'dan il-kaz il-konvenuta.

56. Jinsab ritenut li d-debitur m'ghandux jiehu vantagg semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx gie determinat gudizzjarjament billi jiffranka l-hlas tal-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat *[Ara wkoll 2557/00 Josephine Micallef v. Louis Zammit et,* 31 Ottubru 2014*].*

57. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat u qed jigi michud.

*Decide*

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fl-intier taghha; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tas-Servizzi Socjali jew min jaghmel floku.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df

App. Civ. 1210/03